# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 732/97

Carmel Seracino

vs

Kmandant Forzi Armati

Illum 1 ta' Frar, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' bejn l-1989 u l-1992 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjonijiet li kien haqqu.

Il-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Huwa dahal fl-Armata ta' Malta fl-1966 bhala Gunner, wara li kien spicca minn tliet snin mar-Royal Malta Artillery. Dak iz-zmien, huwa diga kellu certifikati tas-Second Class Education

Class III Clerk u Class II Driver li kienu jghoddu ghall-promozzjoni ta' Surgent,

Fl-1989, meta kellu r-rank ta' Staff Sergeant, kienu hargu promozzjonijiet, izda huwa nqabez minn ohrajn li ma kellhomx kwalifikazzjonijiet, esperjenza u seniority daqsu. Meta ghamel complaint dwar dan lill-Kmandant, il-complaint tieghu qatt ma giet ittrattat u dan kontra r-regolamenti militari.

Ghall-habta ta' Ottubru 91 ir-Regimental Sergeant Major kien qieghed jiddiskrimina kontra tieghu rigward procedura ta' duties, dan wara li huwa kien skuzat mit-tabib ta' l-armata milli jaghmel id-duty ta' bil-lejl. Dwar dan il-fatt, huwa ghamel complaint kontra l-R.S.M. lill-Kmandant imma il-complaint tieghu qatt ma tressaq quddiem il-Kmandant. Minhabba dan l-agir kontra tieghu, waqa f'depression u kellu johrog fuq sick leave. Wara perjodu bis-sick leave, il-kundizzjoni tieghu kienet qed titjieb u kien se jerga jidhol lura ghax-xoghol.

F'Jannar 92 ghal darba ohra regghu hargu l-promozzjonijiet u reggha inqabez minn ohrajn li kienu Juniors tieghu u ma kellhomx kwalifikazzjonijiet, seniority u esperjenza daqsu.

Minhabba dan l-agir kontra tieghu, l-kundizzjoni medika tieghu marret ghal-aghar u wara sitt xhur ma jmurx ghax-xoghol, gie boarded out.

Li kieku huwa ma nqabizx f'dawn il-promozzjonijiet, il-complaints tieghu gew ittrattati u ma giex boarded out, billi huwa ghandu il-kwalifikazzjonijiet edukattivi necessarji, kieku l-lum qieghed jokkupa r-rank ta' Commissioned Officer.

Ghaldaqstant hass li huwa gie imtellef l-opportunita' li javvanza fil-karriera tieghu ngustament u b'hekk sofra danni morali u finanazjarji.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent bi hsiebu jigb prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi ssir gustizzja mieghu u jinghata l-promozzjonijiet kollha li juwa gie mtellef, u li jigi kkumpensat ghal dak li tilef ingustament, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent flimkien mad-dokumenti annessi.

Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta li eccepixxa:

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:

Illi r-rikors huwa inammessibbli fit-termini ta’ l-artikolu 6(2) billi l-ilment diga gie investigat mill-Kummissjoni dwar l-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, Kaz Numru 3765 u Kaz Numru 4405.

Illi fir-rigward tal-promozzjonijiet li saru b’effett mill-20 ta’ Jannar 1992 ir-rikors promotur huwa inammessibbli fit-termini ta’ l-artikolu 5(3)(b) ta’ l-Att VIII ta’ l-1997 peress li r-rikorrent, kif jiddikjara hu stess f’dokument Numru N mehmuz mar-rikors tieghu, naqas li jiprevalixxi ruhu mill-mezz ta’ rimedju provdut fl-artikolu 161 ta’ l-att dwar il-Forzi Armati.

Illi oltre n-notifikazzjoni minghand il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji dwar id-decizzjoni ta’ l-istess Kummissjoni fuq l-ilmenti mressqa quddiema mir-rikorrent it-talbiet tar-rikorrent rigward id-decizjoni tal-Kummissjoni kienu gew ittrattati fit-tul mill-ufficju tal-Prim Ministru li minn naha tieghu kien kompla jsostni li d-decizjoni li ttiehdet mill-Kummissjoni cioe’ dik li l-ilmenti tar-rikorrent ma kienux iggustifikati.

Illi jidher li l-promozzjonijiet saru skond ir-rakkommandazzjoni tal-Kmandat tal-Forzi Armati ta’ Malta ta’ dak iz-zmien u, stante li l-promozzjonijiet fl-Armata ma jinghatawx abbazi ta’

anzjanita' u kwalifiki biss, izda primarjament abbazi ta' efficjenza kif wkoll abbazi ta' ghazla biex timtela vakanza, dejjem skond ir-regolamenti applikabbli, cioe', l-Avviz Legali Nru 91 tal-1970 u ghaldaqstant dak allegat mir-rikorrent, wahdu ma jammontax ghal prova li saret xi distinzjoni preferenza jew eskluzjoni indebita a skapitu tieghu fit-termini ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Ghaldaqstant ghar-raguni fuq premessi fl-ewwel lok, dan it-Tribunal ghandu jiddeklina li jezercita il-gurisdizzjoni tieghu, u subbordinatament ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi din hija decizzjoni dwar l-eccezzjoni tal-intimat li l-ilmenti gja gew investigati mill-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji.

Dwar l-interpretazzjoni tal-artikolu 6 (2) it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li qal fil-kawza "Joseph Fiorentino vs Malta

Information Technology Training Services Limited" deciza fit-12 ta' Lulju, 1999 fejn insibu:

"Issa l-artikolu relevanti ta' l-Att VIII tal-1997 huwa l-artikolu 6 (2) li jghid:
"Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, it-Tribunal ma ghandux jaccetta li jezercita s-setghat tieghu taht dan l-artikolu f'kull kaz fejn ikun gie investigat ilment dwaru quddiem il-Kummissjoni mwaqqfa taht l-Att dwar l-Investigazzjoni ta' Ingustizzji jew li dwaru jkun tressaq kaz quddiem xi Qorti" u fit-text ingliz:
"Notwithstanding the provisions of subsection (1) of this section, the tribunal shall decline to exercise its powers under this section in any case where a complaint thereon has been investigated by the Commission set up under the Investigation of Injustices Act or action has been taken on the matter before a court of law."

Il-Collins New National Dictionary jiddefinixxi l-kelma "investigate" bhala "to inquire into to examine thoroughly" waqt li l-kelma "investigation" hija definita bhala "thorough enquiry in order to bring out the facts". Dan jaghmilha cara li t-Tribunal ma ghandux jaccetta li jezercita s-setghat tieghu mhux biss jekk isir l-ilment quddiem il-Kummissjoni, izda fejn dan ikun gie investigat. Ghalhekk decizzjoni tal-Kummissjoni li ma tiehux konjizzjoni ta' ilment minhabba li hu preskritt mhux kaz ta' ilment investigat. Ara wkoll John Barbara vs Air Malta Company Limited deciza fil-21 ta'

Mejju, 1998. [Ara identiku ghal kaz ta' Barbara il-kaz ta' Victoria Mifsud Tommasi vs Air Malta fejn il-Kummissjoni astjeniet minhabba li r-rikorrent kellha rimedju iehor li fil-fatt uzufruwixxiet minnu.]

Ir-rikorrent xehed hekk:

"Jiena kelli kaz tal-1989 li gie investigat mill-Kummissjoni tal-Investigazzjoni tal-Korruzzjoni; kelli kaz tal-1992 li kien gie investigat ukoll dwar discharge, pero` l-kaz tal-promozzjoni tal-1992 ma kienx gie investigat. Jiena tlabt li l-kaz tal-1992 jigi investigat mill-Kummissjoni."

Fl-ilment tieghu r-rikorrent talab li "jigi ordnat illi ssir gustizzja mieghu u jinghata l-promozzjonijiet kollha li juwa gie mtellef, u li jigi kkumpensat ghal dak li tilef ingustament, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' Lm5000." Fi kliem iehor talab li jinghata l-promozzjoni li jhoss li messu ha fl-1989 u 1992.

Minn ezami tal-process quddiem il-Kummissjoni – 3765 – jidher car li r-rikorrent fit-3 ta' Marzu, 1989 kiteb lill-Kummissjoni biex tinvestiga l-kaz ghaliex inqabez fil-promozzjonijiet fl-Armata u gie mgharraf dwar id-decizzjoni fil-15 ta' Ottubru, 1992. Dan hu anke ammess fin-nota tal-osservazzjonijiet tal-konsulent legali tar-rikorrent prezentat fil-5 ta' Dicembru, 2000.

It-Tribunal studja wkoll dak li jirrizulta mill-process 4405 quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji. Hemm l-ittra originali mibghuta mir-rikorrent tas-26 ta’ Awissu, 1992. Din tibda billi fiha l-heading:

Subject: COMPLAINT ON DISCHARGE FROM A.F.M.
AND OTHER UNJUSTIFIED EVENTS

Wara hemm il-pargrafu introduttorju li sejjer jigi riprodott ‘in toto’:

“I respectfully request the Commission for Injustices, to investigate my discharge on Medical grounds from the Armed Forces of Malta and the unjustified events that happened before the said discharge, which events led to my discharge on medical grounds. I am going to explain these events and where possible, prove with documented evidence.”

Wara jsemmi l-events. Fuq Event 1 jsemmi li gara fit- 2 ta’ Jannar 1989 meta inqabez fil-promozzjonijiet. Event 2 hija dwar il-Mess Rules. Event 3 jirreferi ghal post fejn kien qed jahdem. Event 4 jghid hekk:

“On 22nd January 92, promotions were published and I was informed that once again I was passed over, this time by a greater number of my juniors….”

Event 6 tirrigwarda l-ghoti ta' medalja.

Hawnhekk it-Tribunal bilfors irid jikkumenta li l-ligi fl-artikolu 6 (2) ma tghidx "jekk ir-rikorrent jitlob li jkun investigat kaz" izda issemmi "f'kull kaz fejn ikun gie investigat ilment dwaru quddiem il-Kummissjoni…". Ghalhekk hu necessarju li dan it-Tribunal jara jekk fil-fatt l-ilment giex investigat.

Izda qabel xejn it-Tribunal jaghmilha cara li dan it-Tribunal mhux qieghed b'ebda mod jezamina l-operat tal-Kummissjoni kontra dak li jghid l-artikolu 5 (3) (a) u l-Ewwel Skeda Taqsima A tal-Att VIII tal-1997, izda semplicement jikkonstata jekk fil-fatt kienx hass li ghandu jinvestiga l-ilment [jekk sar] dwar il-promozzjonijiet tal-1992.

Jirrizulta li fil-kors tal-proceduri quddiem il-Kummissjoni r-rikorrent kien xehed dwar l-promotion exercise tal-1992. Wiehed irid jezamina r-rapport tal-Kummissjoni. Meta fis-sezzjoni ***Preliminari*** l-Kummissjoni ddeskrivit l-ilment fil-qosor ma semmiet b'ebda mod il-promozzjoni izda biss id-discharge. Fir-***Rizultanzi*** jissemmew il-problemi medici, u kif ir-rikorrent gie boarded out, pero` tissemma wkoll il-promozzjoni tal-1992. L-aktar parti indikattiva hija s-sezzjoni dwar ***Konsiderazzjonijiet.*** Hemm jissemma li r-rikorrent insista li l-kondizzjoni medika partikolari li sab ruhu fiha [acute reactive depression] kienet konsegwenza tal-fatt li gie michud mill-promozzjoni. Qablet mad-decizzjoni tal-Medical Board; ikkonstata li r-rikorrent mill-ewwel sab impieg iehor. Fil-

paragrafu 22 ikkonkludit li "ma jirrizultax li r-rikorrent sofra eskluzzjoni indebita meta gie dikjarat medically unfit for military service…" Pero' imkien ma gie investigat jekk ir-rikorrent kienx haqqu jiehu l-promozzjoni li semma. Imkien ma ingabu provi dwar min qabez lir-rikorrent, kemm kienu juniors tieghu, xi kwalifiki kellu r-rikorrent, xi kwalifiki kellhom dawk li qabzuh. Hadd ma xehed dwar l-efficjenza rispettiva taghhom u jekk kienx hemm xi rapporti fuq ir-rikorrent u dawk li saru. Ghalhekk n-nuqqas ta' promozzjoni tar-rikorrent fl-1992 ma giex investigat mill-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji. In-nuqqas tal-promozzjoni ma tressaqx bhala ilment quddiem il-Kummissjoni, izda gie allegat biss bhala wiehed mill-fatti li kkagunaw l-istat mediku tar-rikorrent – li kien l-iskuza [skond ir-rikorrent] tal-"boarding out" li kien l-ilment li gie investigat mill-Kummissjoni.

Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat li l-kaz gie investigat mill-Kummissjoni dwar il-promozzjonijiet tal-1989, izda jichad l-istess eccezzjoni rigward il-promozzjonijiet tal-1992. Jordna li l-provi jigu limitati ghall-promotion exercise tal-1992.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

Jiddifferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni ghall-25 ta' Mejju, 2000 fid-9.00 a.m.